IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2016

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ |
| **DATA:** | 21 ta' Mejju 2016 |
| **ĦIN:** | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

Wieġeb **Taqsima A** u **TLIET** mistoqsijiet oħra li trid minn **Taqsima B**
*Taqsima A għandha 40% tal-marka totali filwaqt li Taqsima B għandha 60%.*

**Taqsima A. Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA. Kull mistoqsija għandha 4 marki.**

1. Min hu l-Ispirtu s-Santu?
2. Għalfejn il-Profeta Iżaija jqabbel lil Ġesù ma' Qaddej Sofferenti ta' Alla?
3. X'inhi t-Tradizzjoni Appostolika?
4. Għaliex il-Knisja tissejjaħ "l-Għarusa ta' Kristu"?
5. Fil-Missierna, xi jfisser il-kliem "jitqaddes ismek"?
6. Għalkemm il-bnedmin huma moralment responsabbli għall-għemejjel tagħhom, hemm ċirkostanzi li fihom titnaqqas jew tispiċċa il-ħtija. Semmi erbgħa minn dawn iċ-ċirkustanzi.
7. X'inhi l-kastità? Semmi dnub prinċipali kontra l-kastità.
8. X'inhi l-konkupixxenza?
9. Apparti l-ħamiema bajda, semmi erba' simboli oħra li jirrappreżentaw l-Ispirtu s-Santu.
10. B'liema mod it-Trinità taħdem fil-Liturġija?

**Taqsima B. Agħżel TLIET mistoqsijiet u weġibhom fid-dettall. Kull mistoqsija għandha 20 marka.**

**Mistoqsija 1**
a) Spjega l-frażi "Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda". (4 marki)
b) Għaliex il-fidi ma tmurx kontra x-xjenza? (4 marki)
c) Spjega tliet karatteristiċi tal-fidi. (12-il marka)

**Mistoqsija 2**
a) Iż-Żwieġ huwa xewqa li Alla poġġa fil-bniedem. Spjega. (5 marki)
b) X'inhi t-tifsira tal-Imħabba fiż-Żwieġ? (9 marki)
c) X'jagħmel żwieġ tajjeb? (6 marki)

**Mistoqsija 3**
a) Agħti tliet eżempji li juru kif persuna tista' temmen, tittama u tħobb lil Alla fuq kollox. (6 marki)
b) Spjega dawn: idolatrija, superstizzjoni, sagrileġġ, simonija u ateiżmu. (10 marki)
c) Xi tfisser "tħobb lil Alla b'ruħek kollha"? (4 marki)

**Mistoqsija 4**
a) X'inhu t-talb? (4 marki)
b) Spjega l-forom ta' talb. (12-il marka)
c) Kif tista' tipprova tisma' l-leħen ta' Alla f'ħajtek? (4 marki)

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## Mistoqsija 5

Alla qal, "Ħa nagħmlu l-bniedem fuq is-sura u x-xbieha tagħna ... U Alla ħalaq il-bniedem fuq xbihetu, fuq xbihat Alla ħalqu, raġel u mara ħalaqhom ... U ħares Alla lejn kulma kien għamel, u, ara, kollox kien tajjeb ħafna." (Ġen 1, 26-27.31).
Alla ħalaq lill-bnedmin tajbin u indaqs. Wara poġġa lill-bniedem fuq il-ħolqien, biex jaħdmuh, iħarsuh u jippriservah.

a) Il-ġustizzja soċjali għandha s-sisien tagħha fl-Iskrittura. Spjega t-tagħlim ta' wieħed mill-profeti dwar il-ġustizzja soċjali. (4 marki)
b) Fil-qosor, spjega il-parabbola li Ġesù rrakkonta dwar il-ġustizzja soċjali. (8 marki)
c) Liema huma l-erba' prinċipji tal-ġustizzja soċjali li tagħtina l-Knisja Kattolika? (4 marki)
d) B'referenza għall-istampa ta' hawn taħt, iddiskuti wieħed mill-prinċipji li semmejt f'parti ċ). (4 marki)




MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

UNIVERSITY OF MALTA, MSIDA

MATRICULATION EXAMINATION
INTERMEDIATE LEVEL
MAY 2016

| | |
|---|---|
| **SUBJECT:** | RELIGIOUS KNOWLEDGE |
| **DATE:** | 21st May 2016 |
| **TIME:** | 4:00 p.m. to 7:05 p.m. |

**Answer Section A and ANY THREE QUESTIONS from Section B**
*Section A carries 40% of the total mark while Section B carries 60%.*

**Section A. Answer ALL questions. Each question carries 4 marks.**

1. Who is the Holy Spirit?
2. Why does the Prophet Isaiah compare Jesus to the Suffering Servant of God?
3. What is Apostolic Tradition?
4. Why is the Church called the "Bride of Christ"?
5. What does "hallowed be thy name" in the Our Father mean?
6. Although human beings are morally responsible for their actions, there are circumstances in which guilt is reduced or is totally extinguished. Mention four of these circumstances.
7. What is chastity? Mention one principal sin against chastity.
8. What is concupiscence?
9. Apart from the dove, mention four other symbols used to represent the Holy Spirit.
10. In what way does the Trinity work in the Liturgy?

**Section B. Choose THREE questions and answer them in detail. Each question carries 20 marks.**

**Question 1**
a) Explain the phrase "one Lord, one faith, one baptism". (4 marks)
b) Why is faith not opposed to science? (4 marks)
c) Explain three characteristics of the faith. (12 marks)

**Question 2**
a) Marriage is a desire God has placed within the human. Explain. (5 marks)
b) What is the meaning of Love in Marriage? (9 marks)
c) What makes a good marriage? (6 marks)

**Question 3**
a) Give three examples which show how a person can believe, hope and love God above all else. (6 marks)
b) Explain the following: idolatry, superstition, sacrilege, simony and atheism. (10 marks)
c) What does "love God with your whole self" mean? (4 marks)

**Question 4**
a) What is prayer? (4 marks)
b) Explain the forms of prayer. (12 marks)
c) How can you try to listen to God's voice in your life? (4 marks)

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

## Question 5

God said, “Let us make man in our own image, in the likeness of ourselves...and God created man in the image of himself, in the image of God he created him, male and female he created them.... and God saw all he had made, and indeed it was very good.” (Gen 1, 26-27.31).

God created human beings in a good and equal way. Then he put human beings over creation to labour, to protect and to preserve it.

a) Social justice is founded on Scriptures. Explain the teachings of one of the prophets about social justice. (4 marks)
b) In brief, explain the parable which Jesus narrated on social justice. (8 marks)
c) Which are the four principles of social justice which the Catholic Church gives us? (4 marks)
d) With reference to the picture below, discuss one of the principles mentioned in part c) (4 marks)

